MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2011

Numru. 392/2002

Il-Pulizija
(Sp Jesmond Borg)
vs
Michelle Grech, bint Nicholas Brincat, imwielda San Ġiljan fit-28 ta’ Diċembru, 1974, Karta ta’ l-Identita numru 26875(M)
u
Christine Borg, bint Peter Alfred Caruana, imwielda Attard fit-23 ta’ Settembru, 1967, Karta ta’ l-Identita numru 446167(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputati:
1. talli f’dawn il-Gżejjer, fix-xahar ta’ lulju, 2001 u fix-xhur ta’ qabel bħala mpjegati pubbliċi, fl-ezerċizzju tad-dmirijiet tagħhom, għamlu falsifikazzjoni b’firem foloz, jew b’tibdil f’atti, fi skritturi, jew f’firem, jew billi daħħlu isem ta’

persuna mhux vera, jew b'kitba magħmula jew imnizzla f'reġistri jew f'atti pubbliċi oħra wara li jkunu ġa ffurmati jew magħluqa;
2. talli fl-istess ċirkostanzi bħala mpjegati pubbliċi kitbu atti li jidħlu fid-dmirijiet tal-kariga tagħhom, biddlu bil-qerq is-sustanza jew iċ-ċirkostanzi tagħhom, sew billi niżżlu pattijiet diversi minn dawk li kienu ġew iddetati jew magħmula mill-partijiet, kem billi iddikjararaw bħal veri fatti foloz, jew bħala fatti magħrufa dawk li ma kienux;
3. talli fl-istess ċirkostanzi sabiex jiksbu xi vantaġġ jew benefiċċju għalihom infushom jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorita' pubblika, xjentement għamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw tagħrif falz;
4. talli fl-istess ċirkostanzi għamlu falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamlu użu minn xi dokument ieħor falsifikat;
5. talli fl-istess ċirkostanzi b'mezzi kkontra l-liġi, jew billi għamlu użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq ieħor, ingann jew billi wrew ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanalu tama jew biża' dwar xi ġrajja limerika, għamlu qliegħ bi ħsara ta' ħaddieħor;
6. talli fl-istess ċirkostanzi, bi ħsara ta' ħaddieħor, għamlu xi qliegħ ieħor b'qerq.
Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija tapplika l-provvedimenti tal-artikolu 190 tal-Kodiċi Kriminali.

Illi għandu jingħad illi dan il-proċess inħaqar fin-nirien li ħakmu din il-Qorti fit-12 ta' Lulju, 2004 u għalhekk il-proċess kellhu jiġi rikostruit mill-ġdid.

Illi l-prosekuzzjoni nfurmat lill-Qorti li l-Avukat Ġenerali kien ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja iżda n-nota relattiva nħarqet.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta' l-imputata Christine Borg.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukati ta' l-imputati.

Ikkunsidrat,

Illi fil-perjodu ta’ l-inċident iż-żewġ imputati kienu mpjegati bħala ‘kindergarten assistants’ mad-Dipartiment ta’ l-Edukazzjoni. Jirrizulta li l-imputata Michelle Grech irrizenjat mill-impieg tagħha fit-3 ta’ Novembru, 2003. L-imputata Christine Borg għada fl-impieg sal-lum.

Illi mill-provi prodooti jirrizulta li fid-9 ta’ Lulju, 2001 id-idpartiment irċieva nota li l-imputata Christine Borg kienet assenti mill-iskola bejn it-tnejn u is-sitta ta’ Lulju, 2001. Hi kienet assenti mingħajr raġuni. Kien irrizulta li persuna oħra kienet iffirmat għaliha fit-time sheet.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-persuna li kienet iffirmat it-time sheet ta’ Christine Borg kienet l-imputata l-oħra Michelle Grech. Fil-fatt, Michelle Grech kienet bagħtet ittra f’dan is-sens lid-dipartiment.

Illi mix-xhieda ta’ l-imputata Christine Borg jirrizulta li hi ma ħadet ebda salarju għal perjodu li hi kienet assenti.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li t-tielet akkuża ġiet pruvata.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputati ħatja tal-ewwel, tat-tieni, tar-raba’, tal-ħames u tas-sitt akkuża miġjuba kontra tagħhom u għalhekk tilliberhom mill-istess akkużi. Issibhom ħatja tat-tielet akkuża miġjuba kontra tagħhom. Rat l-artikolu 188 tal-Kodiċi Kriminali. Rat il-fedina penali netta u it-trapass ta’ żmien li ħadet din il-kawża. Ma tikkundannahomx għal piena karċerarja iżda tilliberhom taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 bil-kondizzjoni li ma jagħmlux reat ieħor fi żmien sena mil-lum. Fil-każ ta’ Christine Borg, din il-Qorti qed tirrakomanda li hi ma titlifx l-impieg tagħha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------